MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Lulju, 2009

Numru. 20/1995
Kawza Numru. 105

**Il-Pulizija**
**(Supt Antonello Grech)**

**vs**

**Mark Mallia**

**Illum 29 ta’ Lulju 2009**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mark Mallia , karta tal-identita’ 347065 (M):

Talli fl-20 ta’ Mejju 1995 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta’ filghodu (2.30 am) waqt li kien fil-Brookies Bar & Restaurant, Victoria, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja f’periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura

gravi fuq il-persuna ta’ David Scerri minn Victoria liema ferita hija sfregju gravi u permanenti fil-wicc bi ksur tal-art. 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali u li wettaq din l-offiza bi strument li jaqta’ jew iniggez liema strument kienet tazza mkissra;
Ukoll talli kiser il-bon ordni bi glied.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tad-9 ta’ Jannar 1998 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun ggudikat minn din il-Qorti dwar dak ravvixat fl-artikoli 218 u 338(dd) tal-Kap 9 kif ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex ikun ggudikat bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-l-ahhar xhud tal-prosekuzzjoni instemgha fis-seduta tal-4 ta’ dicembru 1997 u wara dik id-data, l-imputat ma deherx ghas-seduti u wara diversi notifiki negattivi l-kawza kienet differita *sine die* fl-24 t’Awissu 2008. Wara riappuntament tal-kawza, l-imputat deher ghas-seduta tal-25 ta’ Gunju 2009 u ressaq il-provi tieghu;

Il-kwerelant David Scerri xehed illi dakinhar kien gewwa restaurant u kien qed isellem lil-shabu qabel hareg meta f’daqqa wahda ra lill-imputat ikisser tazza u ghall-ebda raguni u minghajr biss kien jafu, tah daqqa biha f’wiccu. It-tnejn inhargu ‘l barra u komplew jiggieldu u l-kwerelant spicca b’erbghatax-il punt f’wiccu oltre li sofra hsara fin-nervituri ta’ wiccu u naqasu s-smiegh. Matul il-hin li kien fir-restaurant, l-kwerelant ikkonkluda li xorob mhux aktar minn sitt grokkijiet whisky ghax kellu l-wassal lil-siehbu d-dar biex jaqbad il-helicopter. Huwa ma jiftakarx jekk kien jekk xorobx ma jaddiehor dakinhar.

Certifikat mediku Dok MR juri li l-kwerlant sofra zewg qatat f’wiccu u kellu demm taht ghajnejgh tax-xellug u kellu demm hiereg minn widnejh ix-xellugija. Huwa kellu jirrikorri ghal-ghajnuna ta’ specjalista’ li kellu jintervjeni

biex inehhi ilma li trabba wara widnejh u li kien qed jikkawzalu nuqqas ta' smiegh.  Sussegwentement is-smiegh tieghu gie ghan-normal.

Nigel Giggs xehed illi kien mar fil-bar mal-kwerelant u kif kien qed isellem lill-xi hbieb tieghu f'temp ta' mintua ra lill-kwerelant maqbud fi glieda barra r-restaurant.  Dan kien mal-art u kien appena ser jaqla' daqqa ta' sieq minn persuna li ma jgharafx.

Anthony Scicluna xehed illi huwa ukoll kien fil-bar emta f'daqqa wahda jara n-nies jinfirdu meta innota lill-kwerelant bid-demm itir minn wiccu.  Meta hareg 'l barra ra lill-kwerelant fl-art u lil-xi hadd itih daqqa ta' sieq u hekk kif ser itih it-tieni wahda mar jigri u imbuttah u l-din il-persuna telqet minn fuq il-post bil-vettura taghha.  Dan qal li l-persuna l-ohra kienet fil-kumpani ta' ragel twil u zewg tfajliet.  L-istess xehed certu George Vassallo.  Winston Azzopardi gharaf lill-imputat bhala l-persuna li dak il-hin kien qed jinzamm milli jkompli jaghti lill-kwerelant.

It-tfajla tal-imputat xehedet illi dakinhar kienet mieghu u xi hames persuni ohra fir-restaurant/bar meta iddecidew jiehdu l-ahhar drink qabel imorru.  Hi kienet xorbot biss ilma.  Ftit qabel kien innotat lill-kwerelant u lill-habib tieghu barrani jiffissaw harsithom lejha izda ma rrejagit b'ebda mod.  Hija innotat li l-kwerelatn kien jaf hafna nies fil-post u kien ghaddej minn naha ghal-ohra u malli hi u l-imputat avvicinaw il-bar semghet lill-kwerelant jghid lill-imputat id-diskors "I know your bitch"; "I've been with your bitch" u l-imputat qallu "go away, I have nothing to do with you".  Sakemm marret lura lejn il-mejda inqalghet glieda u rat lill-imputat jaqla' daqqiet minn hames min-nies inkluz l-kwerelant ddeskrievietu bhala qisu annimal meta pruvat tigbdu minnhom bid-demm hiereg minn halqu.

Zewg xhieda ohra tal-prosekuzjoni xehedu illi huma kienu fir-restaurant fil-kumpanija tal-imputat izda meta inqalghet il-glieda telqu 'l barra.  L-imputat ittiehed fir-residenza ta' wiehed minnhom fejn ra li kellu griehi f'wiccu.

L-imputat xehed illi meta kien qieghed fil-bar innota li xi persuni kienu qed jghaddu xi kummenti dwar it-tfajla tieghu u hin minnhom anke sema xi kummenti oxxeni. Huwa hares lejn wiehed minnhom biex jghatih x'jihem li ghandu jieqaf. Wara dik il-harsa l-kwerelant gie fuqu u staqsieh jekk riedx jghidlu xi haga. Izda l-imputat qallu li ma kienx gie Ghawdex biex jaqla' l-inkwiet u talbu jhallieh bil-kwiet. L-kwerelant izda insista li jikkonfrontah jekk ried jghidlu xi haga u f'dan il-hin l-imputat talbu jmur bil-kwiet u messlu spaltu. Appena messlu spaltu, l-kwerelant tah daqqa ta' ponn f'xoftu u l-imputat intilef ghal xi zewg sekondi meta jghid li b'mod instantaeju hareg idu bit-tazza u ta daqqa ta' tazza f'wicc il-kwerelant. F'dak il-mument daru ghalih xi tmien minn nies u ra lill-kwerelant gej ghalih b'banketta izda xi hadd gibed lill-imputat 'l barra u saqu lejn farmhouse minkejja li ried imur ghand il-pulizija, izda l-ghada l-pulizija gew fuq il-post u arrestawh. Il-vettur tal-imputat baqghet hdejn ir-restaurant.

Jirrizulta illu hawn zewg verzjonijiet different ta' kif sehh dan l-incident. L-verzjoni tal-kwerelant u ta' Nigel Giggs ma tantx jipprospettaw il-verita' u dan minhabba diversi fatturi. PS 346 jghid li meta acceda l-istar biex jindaga x'gara u ttenta jidhol fil-"casualty room", kien hemm certu ingliz li zammu u ma halliehx jidhol u warrbu mal-genb. L-istess qallu: "May I speak to you? We did not call for the police. I am a great friend of David". Din l-attitudini tikkombacja ma dik deskritta mit-tfajla tal-imputat u hija opposta ghal dak li jipprova jiddeskrivi lilu nnifsu bih l-istess Giggs. Li tasal biex tirrezisiti lill-pulizija b'dak il-mod iwassal ghall-konkluzjoni li dan ix-xhud mhux l-istess persona pacifika li ried lill-Qorti temmen li hu. Il-kwerelant jghid li kien l-imputat li kisser it-tazza li kellu f'idu u ghal-ebda raguni tah daqqa biha f'wiccu. Il-versomiljanza ta' din il-verzjoni hija ferm dubitata ghaliex li bniedem ikisser flixkun f'dawk ic-cirkostanzi ta' glied, sfortunatment, hija aktar plawsibbli milli tkisser tazza biex tiggieled hija ghaliex huwa pluttost insolitu anke sia minhabba li ma jifdal xejn minnha kif ukoll li hija ferm perikoluza ghal agressur inniffsu ghax kull ma jista jifdal minnha huwa frak tal-hgieg f'idejh. Di piu', inghatat xhieda fejn il-kwerelant kien mgharuf sew f'dak il-bar u deher jaqsam minn naha

ghal ohra ikellem lil dak u lill-iehor u dan meta kien gia ikkonsma ghall-anqas sitt grikkijiet whisky u fil-presenza ta' Giggs li, kif fuq intqal, mhux xi tip kwiet u ma jaqbilx li jkollok xi tghid mieghu. Fil-verita', l-kwerelant anqas jaf kemm xorob whisky izda almenu hareg bil-figura ta' sitt grokkijiet. Hu kien dejjem fil-kumpanija ta' Giggs li ma qalx jekk xorobx jew le tul dak il-hin li kien mieghu.

Il-verzjoni tal-imputat ghalhekk hija aktar kredibbli u plawsibbli meta riskontrata mal-assjem tal-provi u l-Qorti ma tarax f'dan l-agir elementi ta' awtodifeza li jistghu iwasslu ghal htija bl-iskuzanti. L-agir tal-imputat, izda, kien wiehed instintiv meta rreagixxa ghal daqqa li qala u li tilftihu ghal ftit sekondi izda habat li kien ghad kellu t-tazza f'idu meta radd daqqa ta' ponn lura lill-kwerelant. Ghalhekk l-element ta' volontarjeta' tar-rejat kif ravvizat fl-artikolu 281 tal-Kap 9 ma jirrizultax. Jirrizulta biss illi kien il-kwerelant l-awtur ta' dan l-incident u li ghalhekk huwa responsabbli tal-konsegwenzi sussegwenti.

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------